**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Nru.: 300/16**

**Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited (C17421)**

**Vs**

**Orient S.R.L.**

**Illum 10 ta' Mejju, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fis-6 ta' Dicembru, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' intimata thallasha s-somma ta' tmint elef u mitejn Ewro (€8200) minnha dovuti lill-istess socjeta' attrici relattivament ghall-prezz ta' servizz ta' garr tal-merkanzija ezegwit minnha fuq inkarigu tas-socjeta' intimata, u dan kif jirrizulta mill-Istatement hawn anness bhala Dok. A, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond in-nota prezentata mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili datata 28 ta' Marzu 2017 a fol. 14 tal-process fejn hemm anness ittra iffirmata mill-amminsitratur tas-socjeta' konvenuta fejn hemm indikat li is-socjeta' konvenuta verament ghandha debitu mas-socjeta' attrici u dan fl-ammont ta' tmint elef u mitejn Ewro ( €8,200).

Illi fis-seduta tas-26 ta' April 2017 is- socjeta' attrici pprezentat Kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' April 2017 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba rikorrenti u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' rikorrenti tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tmint elef u mitejn Ewro (€8,200) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mill-10 ta' Marzu 2017 (id-data tan-notifika tas-socjeta' konvenuta [fol.18]).**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur